



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 30.11.2020  
COM(2020) 263 final/2

#### CORRIGENDUM

This document corrects document COM(2020) 263 of 25 June 2020.

Concerns all language versions.

The last two paragraphs in Section 6 - Conclusions, have been corrected.

The text shall read as follows:

#### **RAPPORT TAL-KUMMISSJONI**

**Rapport Annwali dwar is-Sikurezza tal-Operazzjonijiet taż-Żejt u tal-Gass Offshore fl-Unjoni Ewropea għas-Sena 2018**

## Werrej

1. INTRODUZZJONI.....	2
2. BAŻI ĠURIDIKA .....	3
3. METODOLOĠIJA U INFORMAZZJONI RIĊEVUTA MINGĦAND L-ISTATI MEMBRI .....	3
4. IS-SETTUR TAŻ-ŻEJT U TAL-GASS OFFSHORE FL-UNJONI EWROPEA .....	4
4.1 Installazzjonijiet u produzzjoni .....	4
4.2 Spezzjonijiet, investigazzjonijiet, azzjonijiet ta' infurzar u qafas regolatorju offshore .....	9
5. ID-DATA DWAR L-INĊIDENTI U L-PRESTAZZJONI TAS-SIKUREZZA TAL-OPERAZZJONIJIET OFFSHORE.....	10
6. KONKLUŻJONIJIET .....	13

# 1. INTRODUZZJONI

Wara r-rapporti preċedenti għall-2016 u għall-2017, dan ir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea jkopri s-sikurezza tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore fl-Unjoni Ewropea (UE) fl-2018.

Il-bażi ġuridika għal dan ir-rapport hija d-Direttiva 2013/30/UE<sup>1</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE ("Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore"). Din il-leġiżlazzjoni għandha l-għan li tikseb livell għoli ta' sikurezza fl-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore, għall-benefiċċju ta': il-ħaddiema; l-ambjent; il-pjattaformi u t-tagħmir offshore; u attivitajiet ekonomiċi bħas-sajd u t-turiżmu. Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, kif implimentati mill-Istati Membri, se jgħinu biex: (i) jiġu evitati aċċidenti kbar; (ii) jitnaqqas in-numru ta' inċidenti; u (iii) jiġi żgurat segwitu effettiv tal-aċċidenti u tal-inċidenti sabiex jiġu mmitigati l-konsegwenzi tagħhom.

Bħal fir-rapporti preċedenti, l-għan ta' dan ir-rapport annwali huwa: (i) li jipprovdi *data* dwar l-għadd u t-tip ta' installazzjonijiet fl-UE; u (ii) li jagħti informazzjoni dwar inċidenti u valutazzjoni tal-prestazzjoni tas-sikurezza tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore. Ma' kull rapport addizzjonali, l-analiżi tax-xejriet se ssir iktar sinifikanti. Barra minn hekk, is-sensiela ta' rapporti annwali se sservi bħala rekord tal-prestazzjoni tas-sikurezza fl-attivitajiet relatati maż-żejt u l-gass offshore tal-Istati Membri.

Dan ir-rapport huwa bbażat fuq rapporti annwali u *data* li ġiet innotifikata mill-Istati Membri kif meħtieġ mid-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore. Il-Kummissjoni rċeviet *data* mingħand il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, id-Danimarka, il-Ġermanja, Franza, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija, Spanja u r-Renju Unit, li kien għadu Stat Membru tal-UE fl-2018. Il-biċċa l-kbira tal-installazzjonijiet jinsabu fil-Baħar tat-Tramuntana u fl-Oċean Atlantiku (380 installazzjoni), filwaqt li 166 installazzjoni jinsabu fil-Baħar Mediterran, tmienja (8) jinsabu fil-Baħar l-Iswed u tnejn (2) fil-Baħar Baltiku.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri spezzjonaw it-318-il installazzjoni offshore fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom fl-2018. Wara ċerti inċidenti, tliet Stati Membri (ir-Renju Unit, id-Danimarka u n-Netherlands) wettqu investigazzjonijiet matul il-perjodu ta' rappurtar. Ir-Renju Unit wettaq 41 investigazzjoni dwar is-sikurezza u t-tħassib ambjentali, u ħames (5) investigazzjonijiet għal aċċidenti kbar. Id-Danimarka wettqet 3 investigazzjonijiet għal tħassib dwar is-sikurezza u l-ambjent (ebda investigazzjoni għal aċċidenti kbar) u n-Netherlands wettaq investigazzjoni waħda għal aċċident kbir (ebda investigazzjoni għal tħassib dwar is-sikurezza u l-ambjent).

Iċ-ċifri pprovduti mill-Istati Membri, speċifikament dwar in-numru u s-severità tal-aċċidenti rrappurtati b'rabta man-numru ta' installazzjonijiet, jindikaw livell ħafna iktar baxx ta' sikurezza fis-settur offshore Ewropew meta mqabbel mas-sentejn ta' qabel, li jeħtieġu segwitu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

---

<sup>1</sup> ĠU L 178, 28 ta' Ġunju 2013, p. 66.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA

F'konformità mal-Artikolu 25 tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore, il-Kummissjoni hija meħtieġa tippubblika rapport annwali dwar is-sikurezza u l-impatt ambjentali tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore abbażi tal-informazzjoni rrapportata mill-Istati Membri. Sal-1 ta' Ġunju ta' kull sena, l-Istati Membri jridu jippreżentaw lill-Kummissjoni rapport annwali li jkun fih l-informazzjoni speċifikata fl-Anness IX (il-punt 3) tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore.

Ir-rapporti annwali li jridu jiġu ppreżentati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 25 għandu jkun fihom mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

- (a) l-għadd u l-età tal-installazzjonijiet, kif ukoll il-post fejn jinsabu;
- (b) l-għadd u t-tip ta' spezzjonijiet u ta' investigazzjonijiet imwettqa, flimkien ma' kwalunkwe azzjoni ta' infurzar jew kundanna;
- (c) id-*data* dwar l-inċidenti skont is-sistema ta' rapportar komuni meħtieġa fl-Artikolu 23;
- (d) kwalunkwe bidla kbira fil-qafas regolatorju offshore;
- (e) il-prestazzjoni tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore.

L-iskadenza li għandhom l-Istati Membri biex jipubblikaw l-informazzjoni meħtieġa hija l-1 ta' Ġunju tas-sena ta' wara l-perjodu tar-rapportar (eż. l-1 ta' Ġunju 2019 għall-2018).

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw permezz tal-format komuni previst fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1112/2014 tat-13 ta' Ottubru 2014<sup>2</sup>. Dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jistabbilixxi format komuni għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar l-indikaturi ta' perikli kbar mill-operaturi u s-sidien ta' installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore. Jistabbilixxi wkoll format komuni għall-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar l-indikaturi ta' perikli kbar mill-Istati Membri. Id-Dokument ta' Gwida tal-Kummissjoni<sup>3</sup> datat il-25 ta' Novembru 2015 jipprovdi informazzjoni speċifika ulterjuri dwar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni u jispjega kif għandu jintuża l-format ta' rapportar.

## 3. METODOLOĠIJA U INFORMAZZJONI RIĊEVUTA MINGĦAND L-ISTATI MEMBRI

Skont l-Anness IX (il-punt 3) tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore, l-Istati Membri huma obbligati jippreżentaw informazzjoni definita b'mod ċar dwar l-inċidenti fis-settur taż-żejt u tal-gass offshore tagħhom, billi jużaw il-mudelli pprovduti permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 1112/2014. Id-*data* ppreżentata trid tinkludi informazzjoni dwar l-installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass

<sup>2</sup> ĠU L 302, L-Erbgħa, 22 ta' Ottubru 2014, p. 2.

<sup>3</sup>[https://euoag.jrc.ec.europa.eu/files/attachments/2015\\_11\\_25\\_implementing\\_regulation\\_guidance\\_document\\_final.pdf](https://euoag.jrc.ec.europa.eu/files/attachments/2015_11_25_implementing_regulation_guidance_document_final.pdf).

offshore fl-UE, bħal pereżempju l-għadd, it-tip, il-post u l-età. Ir-rapporti mill-Istati Membri jridu jipprovdu wkoll informazzjoni dwar in-numru ta': (i) spezzjonijiet, investigazzjonijiet u azzjonijiet ta' infurzar offshore meħuda; (ii) inċidenti skont il-kategorija; u (iii) korrimenti.

Minbarra d-*data* dwar l-Istati Membri individwali, il-Kummissjoni vvalutat il-prestazzjoni tas-sikurezza tar-reġjuni offshore. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tikkunsidra: (i) lill-Ġermanja, lid-Danimarka, lil Franza, lir-Renju Unit, lill-Irlanda u lin-Netherlands bħala r-reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana u l-Atlantiku; (ii) lil Spanja, lill-Greċja, lill-Kroazja, lil Ċipru, lill-Italja u lil Malta bħala r-reġjun tal-Mediterran; (iii) lill-Bulgarija u lir-Rumanija bħala r-reġjun tal-Baħar l-Iswed; u (iv) lil-Latvja u lill-Polonja bħala r-reġjun tal-Baħar Baltiku.

Għar-rapport annwali tagħha għall-2018, il-Kummissjoni użat l-informazzjoni pprovduta mill-Bulgarija, mill-Kroazja, minn Ċipru, mill-Greċja, minn Franza, min-Netherlands, mid-Danimarka, mill-Ġermanja, mill-Irlanda, mill-Italja, mill-Polonja, mir-Rumanija, minn Spanja u mir-Renju Unit. L-Istati Membri l-oħra ma kinux attivi fis-settur taż-żejt u tal-gass offshore jew ma ppreżentawx informazzjoni rilevanti għal dan ir-rapport.

Bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit, l-Istati Membri kollha b'operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore pprovdew *data* kompluta dwar l-installazzjonijiet kollha tagħhom. B'kuntrast ma' dan, ir-Renju Unit illimita partijiet mir-rapport tiegħu għal installazzjonijiet li kienu soġġetti għal rieżami regolatorju tad-dokumentazzjoni tagħhom tal-valutazzjoni tar-riskji (ara wkoll l-Artikolu 42(2) tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore). Dan ifisser li l-informazzjoni mir-Renju Unit dwar l-investigazzjonijiet, l-azzjonijiet ta' infurzar, *data* dwar l-inċidenti u l-prestazzjoni tas-sikurezza ta' operazzjonijiet offshore tkopri firxa ta' installazzjonijiet li kienet qed tespandi b'mod kontinwu matul l-ewwel nofs tas-sena 2018. L-għadd ta' installazzjonijiet koperti beda bi stima ta' 139 installazzjoni f'Jannar 2018 u ntemm bi stima ta' 191 installazzjoni fid-19 ta' Lulju 2018. Dik id-data kienet it-tmiem tal-perjodu tranżizzjonali għall-installazzjonijiet kollha.

## 4. IS-SETTUR TAŻ-ŻEJT U TAL-GASS OFFSHORE FL-UNJONI EWROPEA

### 4.1 Installazzjonijiet u produzzjoni

Il-maġġoranza l-kbira tal-installazzjonijiet offshore<sup>4</sup> fl-ilmijiet tal-UE jinsabu fil-Baħar tat-Tramuntana (ara t-tabella 1), speċifikament fiż-żoni ekonomiċi esklussivi tar-Renju Unit u tan-Netherlands (madwar 34 % u 28 % tal-installazzjonijiet offshore fl-ilmijiet tal-UE, rispettivament). Fil-Mediterran, l-Italja hija l-iktar Stat Membru attiv (25 % tal-installazzjonijiet kollha fl-ilmijiet tal-UE), segwita mill-Kroazja. Fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed, ir-Rumanija għandha industrija taż-żejt u tal-gass offshore stabbilita filwaqt li l-Bulgarija komplet l-attivitajiet ta' esplorazzjoni għall-idrokarburi offshore iżda, b'installazzjoni waħda, għandha produzzjoni limitata ħafna. Skont ir-rapporti li waslu mingħand l-Istati Membri mal-Baħar Baltiku, il-Polonja biss għandha

<sup>4</sup> Unitajiet Mobbli tat-Tħaffir Offshore (MODUs, Mobile Offshore Drilling Units) mhumiex parti mill-analiżi tat-Taqsima 4.1.

installazzjonijiet offshore f'dan ir-reġjun. B'kolloxx, kien hemm 556 installazzjoni ta' produzzjoni u mhux ta' produzzjoni rrappurtati fl-ilmijiet tal-UE fl-2018. Dan ifisser żieda ta' żewġ installazzjonijiet meta mqabbel mal-2017, minkejja d-dekummissjonar ta' diversi installazzjonijiet<sup>5</sup>.

---

<sup>5</sup> Għad-dettalji ara l-Kapitolu 4.1.

Tabella 1: Installazzjonijiet fissi fl-I ta' Jannar 2018: "Tip ta' installazzjoni", skont ir-reġjun u l-Istat Membru

Reġjun/pajjiż		Tip ta' installazzjoni (*)				
		FMI	FNP	FPI	NUI	Total
Il-Baħar Baltiku		1	0	0	1	2
	Il-Polonja	1	0	0	1	2
Il-Baħar l-Iswed		7	0	0	1	8
	Il-Bulgarija	0	0	0	1	1
	Ir-Rumanija	7	0	0	0	7
Il-Mediterran		16	0	3	147	166
	Il-Kroazja	2	0	0	18	20
	Il-Greċja	1	0	0	1	2
	L-Italja	12	0	3	126	141
	Spanja	1	0	0	2	3
Il-Baħar tat-Tramuntana u l-Atlantiku		143	0	23	214	380
	Id-Danimarka	10	0	0	20	30
	Il-Ġermanja	2	0	0	0	2
	L-Irlanda	1	0	0	1	2
	In-Netherlands	48	0	0	107	155
	Ir-Renju Unit	82	0	23	86	191
Total		167	0	26	363	556

(\*) FMI — Installazzjoni fissa, bl-ekwipaġġ; FNP — Installazzjoni fissa, mhux tal-produzzjoni; FPI — Installazzjoni tal-produzzjoni f'wiċċ l-ilma; NUI — Installazzjoni (normalment) mingħajr ekwipaġġ

Fl-2018, kien hemm 13-il installazzjoni rrapportati li ġew dekommissjonati fl-ilmijiet tal-UE: 12 fir-Renju Unit u 1 fl-Italja. Fl-istess sena, ġiet irrappurtata installazzjoni fissa ġdida waħda (1) li bdiet topera fin-Netherlands. Barra minn hekk, emendi tal-metodi ta' rapportar ta' xi Stat Membri kkontribwew ukoll għall-bidla fl-għadd ta' installazzjonijiet rrapportati, meta mqabbla mas-sena ta' qabel<sup>6</sup>.

Iktar minn nofs l-installazzjonijiet offshore fl-ilmijiet tal-UE ġew stabbiliti bejn l-1980 u l-2000. Mill-2010 'l hawn, l-iżvilupp ta' installazzjonijiet ġodda tal-produzzjoni naqas notevolment fil-Baħar tat-Tramuntana u fir-reġjun tal-Atlantiku u fil-Baħar Mediterran (Tabella 2).

*Tabella 2: Għadd ta' installazzjonijiet preżenti fl-ilmijiet tal-UE, skont id-deċennju ta' meta bdew joperaw u skont ir-reġjun*

Sena tal-kostruzzjoni	Reġjun				
	Il-Baħar Baltiku	Il-Baħar l-Iswed	Il-Mediterran	Il-Baħar tat-Tramuntana u l-Atlantiku	Total tal-UE
<b>1950-1959</b>	0	0	0	4	<b>4</b>
<b>1960-1969</b>	0	0	7	21	<b>28</b>
<b>1970-1979</b>	0	0	14	41	<b>55</b>
<b>1980-1989</b>	0	2	53	82	<b>137</b>
<b>1990-1999</b>	1	3	42	119	<b>165</b>
<b>2000-2009</b>	1	3	40	70	<b>114</b>
<b>2010-2019</b>	0	0	10	43	<b>53</b>
<b>2020-2029</b>	0	0	0	0	<b>0</b>
<b>Total tal-UE</b>	<b>2</b>	<b>8</b>	<b>166</b>	<b>380</b>	<b>556</b>

<sup>6</sup> Minkejja d-dekommissjonar ta' 13-il installazzjoni u l-bidu tal-operazzjoni ta' installazzjoni ġdida waħda biss, l-għadd totali ta' installazzjonijiet żdied b'żewġ installazzjonijiet. Kieku d-data kollha ġiet irrappurtata b'mod preċiż, in-numru kellu jonqos bi 12-il installazzjoni.



Il-biċċa l-kbira (madwar 94 %) taż-żejt u tal-gass domestiċi tal-UE jiġu prodotti fil-Baħar tat-Tramuntana u fir-reġjun tal-Atlantiku (it-Tabella 3). Ir-Renju Unit huwa bil-kbir l-akbar kontributor, segwit min-Netherlands u mid-Danimarka. L-Italja u l-Kroazja huma produttori attivi fil-Baħar Mediterran, filwaqt li fil-Baħar l-Iswed hija biss ir-Rumanija li bħalissa għandha output notevoli ta' żejt u gass.

Tabella 3. Il-produzzjoni taż-żejt u tal-gass offshore fl-UE f'kilotunnellati ta' ekwivalent taż-żejt (ktoe)

REĠJUN	Pajjiż	ktoe	% tat-Total tal-UE
Il-Baħar Baltiku		<b>210.98</b>	<b>0.19 %</b>
	Il-Polonja	210.98	0.19 %
Il-Baħar l-Iswed		<b>1138.87</b>	<b>1.01 %</b>
	Il-Bulgarija	4.71	0.00 %
	Ir-Rumanija	1134.16	1.01 %
Il-Mediterran		<b>4139.61</b>	<b>3.69 %</b>
	Il-Kroazja	528.20	0.47 %
	Il-Greċja	211.01	0.19 %
	L-Italja	3311.00	2.95 %
	Spanja	89.40	0.08 %
Il-Baħar tat-Tramuntana u l-Atlantiku		<b>106727.60</b>	<b>95.11 %</b>
	Id-Danimarka	9589.00	8.55 %
	Il-Ġermanja	915.00	0.82 %
	L-Irlanda	311.17	0.28 %
	In-Netherlands	11681.00	10.41 %
	Ir-Renju Unit	84231.43	75.06 %
<b>Total</b>		<b>112217.06</b>	<b>100.00 %</b>

Meta mqabbla mas-sena ta' qabel, b'tnaqqis ta' inqas minn wieħed fil-mija, il-produzzjoni totali taż-żejt u l-gass offshore kienet stabbli.

## 4.2 Spezzjonijiet, investigazzjonijiet, azzjonijiet ta' infurzar u qafas regolatorju offshore

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri spezzjonaw regolarment l-installazzjonijiet offshore fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom. It-Tabella 4 tippreżenta l-għadd ta' spezzjonijiet offshore li twettqu matul is-sena ta' rapportar. L-għadd ta' spezzjonijiet ġeneralment jiżdied mal-għadd ta' installazzjonijiet fl-Istati Membri.

Hekk kif ġara fl-2017, l-għadd ta' spezzjonijiet reġa' naqas, issa minn 630 fl-2017 għal 593 fl-2018. B'mod speċifiku, l-Italja naqqset l-għadd ta' spezzjonijiet minn 289 għal 236, in-Netherlands minn 60 għal 32, filwaqt li r-Renju Unit żied l-għadd ta' spezzjonijiet minn 232 għal 273. Għall-ewwel darba, ir-Rumanija wettqet spezzjonijiet ukoll. Għall-kuntrarju tal-għadd dejjem jonqos ta' spezzjonijiet, ġew allokati iktar sforzi f'termini ta' jiem tax-xogħol fuq spezzjonijiet għal kull installazzjoni (2817-il jum tax-xogħol fl-2018 meta mqabbel ma' 2083 jum tax-xogħol fl-2017).

Tabella 4: Għadd ta' spezzjonijiet offshore skont ir-reġjun u l-Istat Membru fl-2018\*

REĠJUN	Pajjiż	Spezzjonijiet	Jiem tax-xogħol maħduma fuq l-installazzjoni (bil-ħin tal-ivvjaġġar mhux inkluż)	Għadd ta' installazzjonijiet spezzjonati
<b>Il-Baħar Baltiku</b>		<b>3</b>	<b>6</b>	<b>2</b>
	Il-Polonja	3	6	2
<b>Il-Baħar l-Iswed</b>		<b>4</b>	<b>24</b>	<b>2</b>
	Ir-Rumanija	4	24	2
<b>Il-Mediterran</b>		<b>251</b>	<b>262</b>	<b>95</b>
	Il-Kroazja	10	10	4
	Ċipru	2	6	2
	Il-Greċja	1	10	1
	L-Italja	236	234	86
	Spanja	2	2	2
<b>Il-Baħar tat-Tramuntana u l-Atlantiku</b>		<b>335</b>	<b>2525.5</b>	<b>219</b>
	Id-Danimarka	19	66	19
	Franza	2	4	1

	Il-Ġermanja	6	6	2
	L-Irlanda	3	30	3
	In-Netherlands	32	23	28
	Ir-Renju Unit	273	2396.5	166
<b>TOTAL</b>		<b>593</b>	<b>2817.5</b>	<b>318</b>

(\*)It-tabella tinkludi informazzjoni mill-Istati Membri li għandhom mill-inqas installazzjoni offshore waħda preżenti fil-ġurisdizzjoni tagħhom fl-2018.

L-Artikolu 18 tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore jagħti drittijiet u setgħat lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fuq operazzjonijiet u installazzjonijiet fil-ġurisdizzjoni tagħhom. Dawn id-drittijiet u s-setgħat jinkludu d-dritt li jiġu pprojbti l-operazzjonijiet u d-dritt li jintalbu miżuri għall-iżgurar tal-konformità mal-prinċipji ġenerali tal-immaniġġjar tar-riskju u għall-iżgurar ta' operazzjonijiet sikuri.

Għaldaqstant, tliet Stati Membri wettqu investigazzjonijiet matul il-perjodu ta' rapportar: ir-Renju Unit, id-Danimarka u n-Netherlands. Ir-Renju Unit wettaq 41 investigazzjoni għal tħassib dwar is-sikurezza u l-ambjent<sup>7</sup>, u 5 investigazzjonijiet għal aċċidenti kbar. Id-Danimarka wettqet 3 investigazzjonijiet għal tħassib dwar is-sikurezza u l-ambjent, u n-Netherlands wettaq investigazzjoni waħda (1) għal aċċident kbir. Prinċipalment minħabba ż-żieda fir-Renju Unit, in-numru totali ta' investigazzjonijiet fl-2018 kien sostanzjalment iktar għoli (50) milli fl-2017 (20) u fl-2016 (23).

Minkejja ż-żieda fl-investigazzjonijiet, l-għadd totali ta' azzjonijiet ta' infurzar kien iktar baxx fl-2018 milli fl-2017. Filwaqt li l-Istati Membri wettqu 47 azzjoni ta' infurzar fl-2017 (45 minnhom tar-Renju Unit), fl-2018 ir-Renju Unit biss irrapporta dawn l-azzjonijiet, li n-numru tagħhom, jiġifieri 34 każ, kien iktar baxx milli fl-2017.

## 5. ID-DATA DWAR L-INĊIDENTI U L-PRESTAZZJONI TAS-SIKUREZZA TAL-OPERAZZJONIJIET OFFSHORE

L-Istati Membri rappurtaw total ta' 124 inċident għall-2018, f'konformità mal-Anness IX tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore.

- Fir-Renju Unit, kien hemm 95 avveniment rapportabbli, inklużi 5 aċċidenti kbar.

<sup>7</sup> It-tħassib dwar is-sikurezza u l-ambjent huwa dak irrappurtat mill-ħaddiema, jekk jaraw kwistjonijiet fuq il-post tax-xogħol li jaħsbu li jistgħu jkunu qed jiksru l-liġi tas-saħħa u s-sigurtà u li għandhom il-potenzjal li jikkawżaw ħsara.

- Fin-Netherlands, kien hemm 14-il avveniment rapportabbli<sup>8</sup>, inkluż aċċident kbir wieħed. Il-kawżi tal-aċċident kbir ma ġewx irrappurtati, minħabba li l-każ kien għadu qed jiġi investigat fiż-żmien ta' rapportar.
- Fid-Danimarka, kien hemm 9 avvenimenti rapportabbli, u ebda aċċident kbir.
- Fi Franza u l-Irlanda, kien hemm avveniment rapportabbli wieħed f'kull Stat Membru, u ebda aċċident kbir.

L-għadd ta' aċċidenti kbar jinkludi inċidenti b'potenzjal sinifikanti li jikkawżaw imwiet jew korrimenti personali serji, anke jekk dawn ma wasslux għal dawn l-eżiti.

Il-biċċa l-kbira ta' fallimenti (80 %) li sehew fl-avvenimenti rapportabbli kienu jaqgħu taħt il-kategorija ta' rilaxxi mhux intenzjonati; 13,7 % kienu jikkonċernaw it-telf tal-kontroll tal-bir (żbroffi/attivazzjoni tat-tagħmir tad-devjazzjoni); 1,6 % kienu jikkonċernaw fallimenti ta' sikurezza u ta' elementi kritiċi ambjentali (SECE); u 1,6 % kienu jikkonċernaw it-telf ta' integrità strutturali (telf taż-żamma tal-istazzjoni). Żewġ inċidenti kienu jeħtieġu l-evakwazzjoni tal-persunal.

*Tabella 5: Inċidenti skont il-kategoriji (Anness IX tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore, livell tal-UE)*

Kategoriji tal-Anness IX	Għadd ta' avvenimenti	Sehem (mit-Total tal-Kategoriji)	Sehem (mit-Total tal-Avvenimenti)
<b>(a) Rilaxxi mhux intenzjonati – Totali</b>	<b>99</b>	<b>100.0 %</b>	<b>79,8 %</b>
Rilaxxi ta' żejt jew ta' gass li ħadu n-nar – Nirien	1	1,06 %	0,8 %
Rilaxxi ta' żejt jew ta' gass li ħadu n-nar – Splużjonijiet	0	0.0 %	0.0 %
Rilaxxi ta' gass li ma ħax in-nar	56	56,5 %	45,2 %
Rilaxxi ta' żejt li ma ħax in-nar	31	31,3 %	25,0 %
Rilaxxi ta' sustanzi perikolużi	11	11,1 %	8,9 %
<b>(b) Telf tal-bir – Totali</b>	<b>17</b>	<b>100.0 %</b>	<b>13,7 %</b>
Żbroffi	0	0.0 %	0.0 %
Attivazzjoni tat-tagħmir tal-prevenzjoni tal-iżbroffi/tat-tagħmir tad-devjazzjoni tal-flussi	8	47.1 %	6,4 %

<sup>8</sup> Avveniment rapportabbli wieħed jista' jwassal għal diversi inċidenti, eż. rilaxx mhux intenzjonat ta' gass jista' jwassal għal evakwazzjoni tal-persunal.

Ħsara fl-ilqugħ tal-bjar	9	52.9 %	7,3 %
<b>(c) Ħsarat fl-SECE</b>	<b>2</b>	<b>100.0 %</b>	<b>1,6 %</b>
<b>(d) Telf tal-integrità strutturali – Totali</b>	<b>2</b>	<b>100.0 %</b>	<b>1,6 %</b>
Telf tal-integrità strutturali	0	0.0 %	0.0 %
Telf tal-istabbiltà/tal-kapaċità taż-żamma f'wiċċ l-ilma	0	0.0 %	0.0 %
Telf tal-istabbiltà fl-istess post	2	100.0 %	1,6 %
<b>(e) Ħabtiet ta' bastimenti</b>	<b>0</b>	<b>0.0 %</b>	<b>0.0 %</b>
<b>(f) Aċċidenti bil-ħelikopter</b>	<b>0</b>	<b>0.0 %</b>	<b>0.0 %</b>
<b>(g) Aċċidenti fatali<sup>(*)</sup></b>	<b>0</b>	<b>0.0 %</b>	<b>0.0 %</b>
<b>(h) Indarbu serjament 5 persuni jew iktar fl-istess aċċident</b>	<b>0</b>	<b>0.0 %</b>	<b>0.0 %</b>
<b>(i) Evakwazzjoni tal-persunal</b>	<b>2</b>	<b>100.0 %</b>	<b>1,6 %</b>
<b>(j) Aċċidenti ambjentali<sup>(**)</sup></b>	<b>2</b>	<b>100.0 %</b>	<b>1,6 %</b>
<b>Total<sup>9</sup></b>	<b>124</b>	<b>100.0 %</b>	<b>100.0 %</b>
<p>(*) Biss jekk relatati ma' aċċident kbir  (**) Skont ir-rapporti tal-Istati Membri, l-aċċidenti kbar ma kinux jikkwalifikaw bħala aċċidenti ambjentali</p>			

Fl-UE, l-għadd totali ta' inċidenti żdied minn 42 fl-2016 għal 59 fl-2017, u kompla jiżdied għal 124 fl-2018, l-iżjed minħabba għadd akbar ta' "rilaxxi mhux intenzjonati". L-inċidenti ta' "nuqqas ta' kontroll tal-bir" żdiedu għal 17, wara li n-numru naqas minn 11 fl-2016 għal 8 fl-2017. Il-"fallimenti tal-elementi kritiċi tas-sikurezza u ambjentali" kienu 2, wara 3 fl-2016 u 1 fl-2017. Kien hemm 2 rapporti ta' fallimenti ta' integrità strutturali fl-2018, wara ebda rapport fl-2017 u 2 fallimenti bħal dawn irrappurtati fl-2016. Barra minn hekk, seħħew 2 evakwazzjonijiet fl-2018, filwaqt li l-ebda evakwazzjoni tal-persunal ma ġiet irrappurtata għall-2017 u evakwazzjoni waħda (1) ġiet irrappurtata fl-2016.

Ma ġiet irrappurtata l-ebda ħabta ta' bastimenti għall-2018, meta mqabbla mat-3 fl-2017. Fl-2016 l-ebda ħabta ma ġiet irrappurtata; kien hemm 9 każijiet ta' ħsara fl-ilqugħ tal-bjar meta mqabbla ma' 2 fl-2017 u ebda wieħed għall-2016. Fl-2018 total ta' 6 inċidenti kienu kklassifikati bħala aċċidenti

<sup>9</sup> Incident wieħed jista' jidher iktar minn darba, pereżempju: l-evakwazzjoni ta' persunal marbut mat-telf ta' kontroll tal-bir tkun tgħodd bħala żewġ punti għat-total.

kbar<sup>10</sup>, peress li setgħu potenzjalment jikkawżaw imwiet jew korriment personali gravi. Fl-2017, seħħew 4 aċċidenti kbar u 2 aċċidenti kbar ġew irrappurtati fl-2016.

Fid-dawl tan-numru akbar ta' aċċidenti, il-Kummissjoni qed tikkoopera mill-qrib mal-Awtoritajiet Kompetenti kkonċernati biex tiddetermina l-kawżi għal dan l-iżvilupp u biex tiddiskuti azzjonijiet ta' segwitu potenzjali li jippermettu livell oġhla ta' prestazzjoni tas-sikurezza malajr kemm jista' jkun. Il-kooperazzjoni sseħħ bilateralmment u fil-kuntest tal-Grupp ta' Awtoritajiet tal-Unjoni Ewropea Responsabbli għall-Attivitajiet taż-Żejt u tal-Gass lil hinn mill-Kosta (EUOAG).

## 6. KONKLUŻJONIJIET

B'556 installazzjoni fl-UE (l-2018 jinkludi r-Renju Unit), l-għadd ta' installazzjonijiet baqa' pjuttost stabbli. Fis-sena ta' qabel dan naqas minn 586 fl-2016 għal 554 fl-2017. Il-livell ta' produzzjoni globali ta' żejt u gass naqas bi ftit minn 113 051 kilotunnellata ta' ekwivalent taż-żejt għal 112 217-il kilotunnellata ta' ekwivalent taż-żejt fl-2018.

Il-Kummissjoni tivvaluta s-sikurezza tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore abbażi tad-*data* pprovduta mill-Istati Membri f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar ir-rapportar. Għaldaqstant, l-akkuratezza tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni tiddependi fuq l-informazzjoni li tiġi ppreżentata mill-Istati Membri.

L-għadd ta' spezzjonijiet u investigazzjonijiet li saru kien ftit inqas (inqas b'6 %) mis-sena ta' qabel. Meta mqabbel mal-2017, l-Istati Membri wettqu inqas azzjonijiet ta' infurzar.

L-għadd ta' inċidenti żdied ħafna minn 59 fl-2017 għal 124 fl-2018. L-introduzzjoni gradwali tal-installazzjonijiet offshore kollha tar-Renju Unit fis-sistema tar-rapportar tista' tispjega biss parti żgħira taż-żieda fl-aċċidenti<sup>11</sup>. L-inċidenti fir-Renju Unit żdiedu minn 30 għal 99, fin-Netherlands minn 13 għal 14 u, kemm fil-Greċja kif ukoll fl-Irlanda, minn żero għal wieħed. B'kuntrast ma' dan, dan in-numru naqas għad-Danimarka minn 14 għal 9. L-aċċidenti kbar żdiedu minn 4 għal 6 bejn l-2017 u l-2018.

---

<sup>10</sup> ĠU L 178, 28 ta' Ġunju 2013, p. 73: l-Artikolu 2(1): "aċċident kbir" tfisser, fir-rigward ta' installazzjoni jew infrastruttura konnessa:

(a) aċċident li jinvolvi splużjoni, nirien, telf ta' kontroll tal-bir, jew rilaxx ta' żejt, gass jew sustanzi perikolużi li jinvolvu, jew b'potenzjal sinifikanti li jikkawżaw, imwiet jew korriment personali serju;

(b) inċident li jwassal għal ħsara serja fl-installazzjoni jew fl-infrastruttura konnessa li jinvolvi, jew b'potenzjal sinifikanti li jikkawża, imwiet jew korriment personali serju;

(c) kwalunkwe inċident ieħor li jwassal għall-imwiet jew korriment serju ta' ħames persuni jew iktar li jinsabu fuq l-installazzjoni offshore li minnha jkun ġej is-sors tal-periklu jew li jkunu involuti f'operazzjoni taż-żejt u tal-gass offshore b'konnessjoni mal-installazzjoni jew l-infrastruttura konnessa; jew

(d) kwalunkwe inċident ambjentali kbir li jirriżulta minn inċidenti msemmija fil-punti (a), (b) u (c).

Għall-finijiet li jiġi determinat jekk avveniment jikkostitwixxi aċċident kbir skont il-punti (a), (b) jew (d), installazzjoni li normalment ma tkunx sorveljata għandha tiġi trattata daqslikieku kienet sorveljata.

<sup>11</sup> L-effett tal-introduzzjoni gradwali jista' jiġġustifika żieda stmata ta' 10 inċidenti, jekk il-prestazzjoni tas-sikurezza tibqa' l-istess għal kull installazzjoni.

Bħal fl-2016 u l-2017, ma ġie rrappurtat l-ebda każ ta' mewt fl-2018, iżda sehew 12 korrimenti u 17-il korriment serju. Skont ir-rapporti tal-awtoritajiet kompetenti, fir-Renju Unit l-għadd ta' aċċidenti zdieg b'mod sinifikanti, u dan jeżiġi kemm analiżi fil-fond tal-kawżi kif ukoll miżuri ta' segwitu mill-awtorita kompetenti. Il-Kummissjoni se tikkoopera mal-Istati Membri u se tfittex kooperazzjoni mar-Renju Unit biex tiżgura livell għoli ħafna ta' sikurezza għall-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore.